MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2014

Numru 928/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Mahmud Abdel Aziz**

**Numru tal-Pulizija: 14E-162**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mahmud Abdel Aziz, akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, nhar is-27 ta' Settembru 2014 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport u Permess ghar-Residenza jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport u Permess ghar-Residenza li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbdilla jew sar xi tibdil fihom f'isem Yosef Omar bin-numri 104916604, DK 00260163, f'isem Hawa Elmi bin-numri 104916606, DK 00260166 u f'isem Mariam Omar numri 104916600, DK00260161rispettivament (Kapitolu 61, Sezzjoni 5 tal-Ligijiet ta' Malta);
b) Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kapitolu 9, Sezzjoni 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

c) Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ffasifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217, Sezzjoni 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll li waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u rregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal- imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li mill-ewwel kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u l-fedina penali tieghuli hi wahda netta. Qieset ukoll illi l-prosekuzzjoni mhijiex tinsisti fuq piena karcerarja effetiva.

**Konkluzjoni:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17 u 189 tal-Kapitolu 9, l-Arikolu 5 tal-Kapitolu 61 u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217, fuq ammissjoni qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta qed tigi sospiza ghal zmien tmintax (18)-il xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni ta' Dokument VA 7.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------